# EJJA REBBIEGĦA
# EJJA APRIL

Ta' Pawlu Mifsud

Ejja Rebbiegħa,
Ejja April,
Tixtieqkom qlubna
Ilha żmien twil;
Ejja maħbuba
W ġib lill-maħbub,
U ferrħu naqra
L-imsejkna qlub.

Keċċulna x-xitwa,
Ħarrbu 'l Jannar,
Taffulna l-kesħa,
Waqqfulna l-qtar;
Libbsulna s-sema
B'lewn ikħal nir,
U l-art żejnulna
Bl-ifjen ħarir.

Ferrxu fl-egħlieqi
Twapet ħadrana,
Imlew il-ġonna
Bil-ward ħamrana;
Iksu lis-siġar
B'werqiet tarjin,
U roxxu fuqhom
Il-ġawhar fin.

L-għasfur oħorġu
Minn ġol-bejtiet
Biex jibda jinseġ
L-isbaħ għanjiet;
Ħalluh jittajjar
Ma' kullimkien
Qisu bla sabar,
M'għandux waqfien

Lill-baħar kiesaħ,
Li f'daw' x-xahrejn
Qagħ'd biss jitfarrak
Mal-blat għalxejn,
Ġibulu l-għeja,
Tħalluhx imqit
U bix-xemx sħuna
Fittluh xi ftit.

Ġiegħlu liż-żiffa
Biex kull fl-għaxija
Tmur tmellsu naqra
X'ħin kollu dija
Ikun qed jongħos
Taħt qamar sħiħ,
Biex il-qlub safja
Jitgħaxxqu bih.

Nibbtu l-imħabba
Fil-qlub mill-ġdid,
Fil-qlub miġnuna
Li tifraħ trid;
U sebbħu sewwa
'Il-ħolm tal-ħajja,
Tħallux in-niket
Fuq l-art jissajja.

Tħallux dmugħ iżjed,
Tħallux ħsieb tqil;
Ferħ biss irridu
U għomor twil.
Ejjew imbissma
Fid-dinja tagħna,
April, Rebbiegħa,
W oqogħdu magħna.